# Aġir inaċċettabbli mis-Segretarju Parlamentari għad-Drittijiet tal-Annimali

## Fir-rwol tiegħu, l-Onor. Roderick Galdes ma messux kien parti mit-tnedija ta' attività li tippromwovi l-insib tal-għasafar

Huwa inaċċettabbli li l-Onor. Roderick Galdes fir-rwol tiegħu ta' Segretarju Parlamentari għad-Drittijiet tal-Annimali jagħżel li jkun parti mit-tnedija ta' attività li tippromwovi l-insib tal-għasafar li se ssir għada. Attivitajiet marbutin mal-insib m'għandhom assolutament l-ebda rabta mad-drittijiet tal-annimali. Din l-attività tmur kontra l-valuri tal-imħabba lejn in-natura, il-preservazzjoni u l-konservazzjoni, u li jkollok lill-persuna fi ħdan il-Gvern Malti li tirrappreżenta d-drittijiet tal-annimali tniedi din l-attività sempliċiment juri fejn huma l-prijoritajiet tas-Segretarju Parlamentari.

L-Onor. Galdes diġà kien ġie kkritikat f'Jannar 2016 meta organizza attività ma' balzmaturi tal-għasafar bi promozzjoni għall-qtil u l-ibbalzmar tal-għasafar. F'dik l-okkażjoni kien deher maġenb żewġ persuni li kienu nstabu ħatja ta' pussess illegali ta' għasafar protetti, inkluż tajr tal-priża.

Issa, għal darba oħra tul it-tnedija tal-attività ta' għada (kif jidher ċar mir-ritratti uffiċjali tad-DOI li huma mehmużin), l-Onor. Galdes ingħaqad ma' persuna li nstabet ħatja li kienet fil-pussess ta' 20 karkassa ta' tajr protett, l-aktar tajr tal-priża. Minflok jitbiegħed minn dawk li ma jirrispettawx l-ambjent u l-liġijiet tal-konservazzjoni, l-Onor. Galdes jagħżel li jorganizza l-attivitajiet magħhom. Dan ipoġġi f'dubju l-kredibbiltà tal-Onor. Galdes meta jgħid li qed jiġġieled l-illegalitajiet marbutin mal-liġijiet tan-natura.

Waqt li l-attività ppjanata għal għada fil-Buskett tista' tiġi kkunsidrata wkoll bħala waħda illegali għax se ssir f'riserva naturali li hija sit Natura 2000 fejn mhux permess li persuni jkunu fil-pussess ta' għasafar, BirdLife Malta qed titlob lill-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) biex tikkjarifika x'inhi l-pożizzjoni tagħha dwar din l-attività.

BirdLife Malta ssejjaħ ukoll lill-Prim Ministru biex iżomm l-kelma li ta wara r-referendum, li se jkun qed imexxi gvern b'kuxjenza ambjentali akbar.

**TMIEM**

www.birdlifemalta.org/become-member
Għinna ntiru
Issieħeb ma' BirdLife Malta u tir magħna

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Ritratti:**

1-3. Tliet ritratti li ttellgħu fuq il-paġna tal-Facebook tas-Segretarju Parlamentari għad-Drittijiet tal-Annimali biex jippromwovu din l-attività tal-insib tal-għasafar. Ir-ritratti kollha ttieħdu mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (DOI).

4. Id-dettalji tal-attività ta' għada fil-Buskett (Ritratt tad-DOI)

5. Post fuq FB li ttellgħet mill-Onor. Roderick Galdes fuq il-paġna tiegħu tal-Facebook biex jippromwovi l-attività tan-nassaba.

www.birdlifemalta.org/become-member
Għinna ntiru
Issieħeb ma' BirdLife Malta u tir magħna